**Brincat Anna at Parlament-MT**

---

**From:** Deguara Charles at NAO
**Sent:** Friday, 08 February 2019 14:35
**To:** Brincat Anna at Parlament-MT
**Cc:** Camilleri Noel at NAO; Mercieca Keith at NAO
**Subject:** Kjarifika relata mas-seduta 37 tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi

Chairman
Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi

Nirreferi għas-seduta Nru. 37 tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi li saret nhar is-6 ta' Frar 2019, fejn kompla jiġi diskuss ir-Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika dwar l-espropju tal-art tal-Fekruna. Nirreferi speċifikament għall-punt relevat mill-Onorevoli Robert Abela dwar artiklu 13 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar it-Trasferiment tal-Artijiet tal-Gvern (Kapitlu 268). Fir-risposta tiegħu għal mistoqsija magħmula mill-Onorevoli Membru, is-Sur Camilleri, Deputat Awditur Ġenerali, irrimarka li l-Uffiċċju ma kienx daħal fil-kwestjoni msemmija mill-Onorevoli Membru; u dan qalu prinċiparjament abbażi tal-fatt li fir-Rapport tal-NAO, u kif sottolinejat mill-Onorevoli Abela, l-aspett legali relevat ma jissemmiex.

Mir-riċerka li għamilna eżatt wara l-imsemmija laqgħa tas-6 ta' Frar, irriżultalna li fil-fatt din il-kwestjoni kienet ġiet eżaminata fil-proċess ta' verifika fejn l-Uffiċċju stabbilixxa li l-espropju u l-permuta nnifisha kienet taqa' fil-parametri tal-liġi, inkluż dik stabilita f'artiklu 13 tat-Tielet Skeda.

Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatt li essenzjalment l-Uffiċċju jirrapporta b'eċċezzjoni (by exception), dan l-aspett ma ġiex inkluż fir-rapport finali speċifikament minħabba din ir-raġuni.

Grazzi.

Charles Deguara
Awditur Ġenerali

Charles Deguara
B.A. (Hons) Business Management, CIPFA Hon
Auditor General

**National Audit Office**
**Notre Dame Ravelin, Floriana FRN 1601, Malta**

N A O
National Audit Office

**Email:** charles.deguara@gov.mt
**Direct:** +356 22055001

Please read our Legal Notice: http://www.nao.gov.mt/emailpolicy

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail.